VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,084, 7 ta' Mejju, 2013
Taqsima B

A.L. 139 tal-2013

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx) (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28(1) tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għall-Enerġija u Konservazzjoni tal-Ilma, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx) (Emenda Nru. 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 423.46

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tifsira "mtella' fuq is-saqaf" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "jew struttura oħra simili" għandhom jiżdiedu l-kliem "meta dawn ikunu installati bħala mtella' 'l fuq mill-art".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (2) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "it-tariffa *feed-in* li għandha titħallas mill-Enemalta" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-perjodu għal pagament garantit tat-tariffa *feed-in*", u minflok il-kliem "tkun awtorizzata mill-Awtorità" għandhom jidħlu l-kliem "meta applikazzjoni tiġi ppreżentata lill-Awtorità għal awtorizzazzjoni biex tinbena dik il-kapaċità miżjuda".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tal-partita 4 tagħha, minflok il-kelma "kW" għandha tidħol il-kelma "kWp"; u

(b) minnufih wara l-partita 9 tagħha għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"10. Fil-każ ta' elettriku ġenerat esklużivament minn stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) approvati għall-iskema FIT għas-sena 2013; u

(b) installati fuq bini residenzjali jew domestiku kif hemm fir-regolament 3; u

(ċ) esportati lejn is-sistema ta' distribuzzjoni sa limitu annwali kalkulat bħala kWp moltiplikat b'1600kWh; u

(d) meta l-operatur tal-istallazzjoni jibbenefika minn għotja ta' mhux iżjed minn 50% tal-investiment kapitali tal-bidu dwar l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx,

it-tariffa *feed-in* li għandha titħallas mill-Enemalta lil operatur ta' stallazzjoni għal elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx approvati għall-iskema FIT għas-sena 2013 u installata fuq bini residenzjali jew domestiku għandha tkun tammonta għal tnejn u għoxrin ċenteżmu għal kull kWh għal perjodu ta' ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* ta' sitt snin għal elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx li jkunu jinsabu Malta u Għawdex.".